**5 ta' April, 1963**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Benedict Dingli, P.L.

*versus*

Onor. Dottor Giorgio Borg Olivier ne.

**Azzjoni Popolari — Interess Meħtieġ għall-Eżerċizzju Tagħha.**

*Fis-sistema legali modern, l-azzjoni popolari mhix aktar ammissibbli ħlief fil-każijiet espressament speċifikati fil-liġi.*

*Jekk mbgħad, min jeżerċita din l-azzjoni jgħid li hu qiegħed jeżerċita, mhux dik l-azzjoni, imma waħda personali, in*

*kwantu l-liġi mpunjata tirrigwarda lilu bħala wieħed mill-kollettività, huwa jrid ikollu l-interess meħtieġ biex jista' jeżerċita l-azzjoni, jostħom dak li d-dritt, li huwa jkun irid jittutela, ikun ġie offiż jew almenu jkun jinsab immedjatament minaċċjat.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta (a) illi fil-Malta (Constitution) Order-in-Council 1961 fl-art. 4(2), jingħad illi l-Emergency Powers Order-in-Council 1939 għandu jieqaf milli jkollu seħħ, bħala parti mil-Liġi ta' Malta, wara sena mill-"appointed day", u ċjoè fit-3 ta' Marzu 1963, u (b) illi qabel il-promulgazzjoni tal-Malta (Constitution) *Order-in-Council 1961 l-Emergency* Powers Order-in-Council 1939 kien ġie abrogat espressament jew taċitament b'leġislazzjoni posterjuri, u preċipwament bil-Malta Constitution Letters Patent 1947, bil-Malta Emergency Order-in-Council 1953, u l-Proklama LXIII tas-sena 1939 ma kienx qed iseħħ bħala liġi fiż-żmien meta saret il-Kostituzzjoni tal-1961, kif jirriżulta aktar tard fit-trattazzjoni tal-kawża; u peress illi, non ostanti dak li jingħad skorrettament fl-art. 4(2) tal-Kostituzzjoni tal-1961 l-imsemmi Order-in-Council ma ġiex in vigore, u ma hux iseħħ bħala liġi f'Malta fiż-żmien preżenti; u peress illi, subordinatament għall-premess, anki jekk l-imsemmi Order-in-Council tal-1939 ma ġiex abrogat u għadu jifforma parti mil-liġi ta' Malta, il-poteri mogħtija *lill-Gvernatur mill-*Kuruna in forza tal-prerogattiva tagħha, fl-art. 6 subart. 2(a) (b) u (ċ), huma "ultra vires", u ma jistgħux jiġu mogħtija b'Order-in-Council, għax imorru kontra l-prinċipji fondamentali tal-Kostituzzjoni Ngliża, u għalhekk huma ineffikaċi; u peress li l-instanti, bħala ċittadin, għandu nteress li ssir dikjarazzjoni ġudizzjarja relattiva tal-fatt li *l-Emergency Powers Order-in-Council tal-1939, kif emen*dat ma jiffurmax parti mill-liġi ta' Malta u ma għandux effett ta' liġi, u li l-art. 4(2) tal-Kostituzzjoni tal-1961 hu ineffikaċi u mingħajr ebda effett, u subordinatament id-dikjarazzjoni li l-art. 6 subart. 2(a) (b) u (ċ) huwa "ultra vires", ineffikaċi u bla effett;

Talab li l-Qorti tiddikjara li l-Emergency Powers Order-in-Council 1939, kif emendat, ma jiffurmax parti mill-liġi ta' Malta, u ma għandux forza ta' liġi f'Malta, u li l-art. 4(2) tal-Malta (Constitution) Order-in-Council 1961 hu ineffikaċi u mingħajr ebda effett; u subordinatament, u